# Il-Qrendi fl-Istorja

**Riċerka u kitba ta' Martin Formosa**

**Il-Maltin** li għexu qabilna fis-sekli l-imgħoddija minn dejjem kienu jaħsbu fil-futur u minn dak li għad irid jiġri wara li jispiċċaw huma u jilħqu uliedhom u ulied uliedhom. Din il-kurżità dwar il-futur teżisti anke llum u tibqa' sakemm jibqa' l-bniedem f'wiċċ din l-art. Jekk wieħed iqalleb fil-kotba ta' l-istorja li ħallewlna ta' qabilna, jsib li għalkemm kienu jinteressaw ruħhom fil-passat kienu jippruvaw anke jbassru l-futur permezz ta' l-interpretazzjoni ta' kull ma kien iseħħ madwarhom. Hekk insibu li ċertu eremit Svizzeru[1] kien jgħid li fl-1890 bosta bliet se jintradmu bit-terremoti, fl-1897 diżgrazzji kbar kellhom jiġru madwar id-dinja kollha, fl-1955 tempesti u urugani kellhom jheżżu lid-dinja, fl-1960 Sqallija kellha tinżel taħt wiċċ il-baħar u fl-1999 kellu jkun l-aħħar tad-dinja. Żewġ sekli ilu kienu jemmnu li d-dinja se tispiċċa fis-sena 2000 iżda llum dawn il-profeziji waqgħu u ż-żmien baqa' għaddej. Din il-kurżità li kellhom l-antenati tagħna dwar il-futur se ndawruha lejn żminijiethom u se nagħtu ħarsa lejn raħalna, f'kif żviluppa sa issa mal-medda tas-snin u nħallu l-futur f'idejn il-pinna taż-żmien.

Fl-inħawi tal-Qrendi, sa minn żmien il-Feniċi jissemmew żewġ tempji mibnija lill-idoli. L-ewwel wieħed dak ta' Ġebel Kim jingħad li kien dedikat lis-Seba' t'Aħwa Kabiri ulied Agruerus - Allat Gwardjani ta' l-Eġittu[2] marbutin mad-dulluvju. It-tieni wieħed, dak dedikat lil Eshmun (Esculapio) - Alla tal-Mediċina li kien meqjum mill-Eġizzjani, mill-Feniċi, mill-Griegi u anke mir-Rumani. Eshmun flimkien ma' Astarte u ma' Melqart kienu meqjuma f'kull pajjiż fejn kienu jaslu l-Feniċi u tempji għalihom jeżistu f'Ċipru, f'Kartaġni, fi Sqallija, f'Sardinja u fi Spanja. Fil-fatt f'Għawdex kien hemm tempju għal Astarte u għal Melqart kien hemm tempju f'Marsaxlokk u ieħor fuq Birżebbuġa. Għalkemm dan hu dokumentat f'ħafna kotba, huwa fatt li dawn l-allat kienu meqjuma fi Żmien il-Ħadid meta fil-fatt Ħaġar Qim u l-Imnajdra huma ta' Żmien il-Ħaġar li jiġi ferm qabel. Illum il-ġurnata fil-Qrendi tinsab triq imsemmija għal Kabiri u li forsi ftit huma dawk li jafu xi tfisser.

Jekk nersqu lejna b'qabża ta' eluf ta' snin wieħed jibda jiskopri ċerti ismijiet b'rabta ma' l-inħawi ta' madwar raħal twelidna. Hekk li mal-kosta li tibda sa minn fejn hemm Għar Lapsi nsibu Ras Ħamrija, kosta li tagħti fl-aħmar. F'dan il-post jingħad li jibda l-ilma li jiġġerra mal-postijiet ta' dik in-naħa kollha u għalhekk kien jissejjaħ Ras l-Għejjun. Wara kien hemm kalanka żgħira magħrufa bħala But Scifa. Aktar lejn Wied iż-Żurrieq tinstab Ras il-Bajjada, art bajdanija kollha rdumijiet. Kien hemm ukoll Għar il-Mitqub fejn kien jinstab ħafna tamar il-baħar u wara hemm Wied iż-Żurrieq u li nsibu li kien ġie rranġat fis-seklu 19 u kien sar skoll għad-dgħajjes bi spiża ta' £480. Kurjuża ħafna hija r-rabta li hemm bejn l-isem ta' dan il-post u l-kulur iżraq tal-baħar għalkemm xi wħud jassoċjaw dan l-isem mal-kulur iżraq ta' l-għajnejn ta' ħafna min-nies li joqogħdu f'din il-parti tal-gżejjer Maltin.

Fejn illum jinstab ir-raħal tal-Qrendi fl-antik kienu jeżistu bosta rħula żgħar u li fosthom konna nsibu Ħal Kbir bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi, Ħal Tabuni bejn il-Qrendi u l-Girgenti[3], Ħal Lew u Ħal Manin bejn iż-Żurrieq u l-Qrendi. Minn fost it-tmien irħula prinċipali li kienu jeżistu fis-seklu 17, jiġifieri n-Naxxar, Birkirkara, Gudja, Żejtun, Qormi, Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u ż-Żurrieq, il-Qrendi ħareġ minn ta' l-aħħar fl-1618 b'elf ruħ f'190 dar. Fost dawn id-djar ta' min jgħid li huwa dokumentat li fil-Qrendi kien hemm żewġ imtieħen tar-riħ. L-isem tal-Qrendi jista' jkun li ġej mill-kelma taljana Grandi, isem li seta' ġie mogħti minn xi familji għonja li kienu jabitaw f'dawn l-inħawi fejn kellhom il-feudo grande u li kienu bnew xi torrijiet biex ikunu difiżi mill-attakki tat-Torok.

Jekk wieħed ifittex fl-istorja ta' Malta, l-inħawi tal-Qrendi jissemmew fid-dettall b'rabta ma' tempesta qalila li seħħet fl-24 ta' Novembru 1343. F'din it-tempesta nsibu li nqerdu ħafna nies f'Malta u anke f'bosta pajjiżi oħra. F'din it-tempesta kienet għerqet il-flotta Torka kollha li kienet ankrata f'Marsaxlokk[4]. Fl-istess jum kienu seħħew terremoti li hezzew l-art u kienet niżlet l-art illum imsejħa Tal-Maqluba. Jingħad illi hawn antikament kien jeżisti villaġġ ta' ftit djar u li l-abitanti ta' dawn id-djar kienu aktarx ixxellerati. F'din id-diżgrazzja jingħad li l-art niżlet u salvat biss waħda mara devota li kienet fil-Knisja ta' San Mattew tagħmel l-orazzjoni. Hawn min jgħid illi wara din il-ġrajja inbeda l-isem ta' Inqered, Qered u mbagħad issawwar fi Qrendi. Hawn min isostni li l-purċissjoni ta' San Girgor taf il-bidu tagħha wara din it-tempesta. Hemm oħrajn li jgħidu li din bdiet issir b'wegħda mill-antenati tagħna minħabba l-pesta jew minħabba l-ħbit mit-Torok. Iżda l-awtur Stefano Zerafa jsostni u jipprova permezz ta' dokument intitolat *"It-Tempesta tas-sena MCCCXLIII"* illi din il-proċessjoni bdiet issir b'wegħda tat-tempesta ta' l-1343. Illum il-ġurnata din id-data hija mfakkra bl-isem tat-triq wiesgħa u twila li tgħaddi mill-Imqabba sal-Pjazza tal-Maqluba.

Fil-bidu ta' l-eżistenza tar-raħal tal-Qrendi, jiġifieri fi żmien il-Gran Mastru Fra Raimondo Perellos li kien isaltan bejn l-1697u l-1720, kien jeżisti speċi ta'

Parlament li kien imsejjaħ "Kunsill Popolari" u li laħaq kien iffurmat minn aktar minn 100 ruħ[5]. Kien maqsum fi tnejn, mad-Dritta u mas-Sinistra. Il-Qrendi kellu żewġ rappreżentanti f'dan il-Kunsill u kienu jpoġġu n-naħa tad-Dritta. L-arma tal-Qrendi kif kienet stabbilita mill-antik tikkonsisti fi "Stilla fidda fi kwadru ikħal fuq kamp nofsu abjad u nofsu aħmar". L-iskrizzjoni tar-raħal tal-Qrendi hija ***Tyrium dirutas servo moles - Għal ġebel qim imsemmija.***

L-iżvilupp tad-djar ta' l-abitazzjoni fil-Qrendi kien wieħed konsiderevoli meta wieħed jikkunsidra li fl-1530 il-Qrendi u ż-Żurrieq flimkien kienu jgħoddu 400 dar, iżda wara li nfired minn maż-Żurrieq, fil-Qrendi waħdu sa l-1667 in-numru ta' djar tela' għal 215 u sa l-1830 dan naqas għal 201.

F'ċensiment li kien sar fis-sena 1890 in-numru ta' djar kien tela' għal 360. In-numru ta' nies li kienu joqogħdu fl-inħawi taż-Żurrieq u l-Qrendi fl-1530 kien jammonta għal 2000 u mbagħad fl-1667 fil-Qrendi waħdu nsibu li kienu jgħixu 1090. F'ċensiment li kien sar fl-1760 fil-Qrendi kienu jgħixu 682 u fosthom kien hemm 13-il kjeriku u tlieta oħra miżżewġin. Ir-residenti reġgħu żdiedu għal 1077 fl-1830. Fl-1888 il-popolazzjoni kienet 1240. F'ċensiment li sar fl-1890 il-popolazzjoni tar-raħal baqgħet tlaħħaq 1240.

Jekk nitfgħu ħarsitna fiż-żmien aħħari tal-kavallieri f'Malta meta kien jaħkem Fra Emanuel De Rohan insibu li fil-Qrendi kien hawn persuna li spikkat fil-kuraġġ u fl-għerf u dan għaliex minn fost il-faqar li kien jeżisti dan irnexxielu jilħaq tabib. Dan ma kien ħadd ħlief Gregorio Mifsud. Wara li kien studja f'Napli u f'Malta, il-Gran Mastru De Rohan kien taħ il-*warrant* ta' tabib u fil-fatt kien serva fis-*Sacra Infermeria*[6]. Lil Gregorio Mifsud insibuh fil-lista ta' Deputati[7] li kienu maħturin biex jirrappreżentaw lill-poplu Malti fil-Kungress irriformat mill-Gvernatur Sir Alexander John Ball R.N. hekk kif spiċċat il-ħakma Franċiża u mal-bidu tal-ħakma Ingliża. Fil-fatt dik li sa dak iż-żmien kienet imsejħa l-Assemblea inbidlet f'Kungress b'deputati eletti mill-kapijiet tal-familji ta' l-irħula u l-ibliet. L-ewwel seduta saret fl-14 ta' Frar 1799 fil-Palazz ta' Sant'Anton fejn fil-fatt baqgħu jsiru l-laqgħat ta' dan il-Kungress. Bejn it-18 ta' Frar 1799 u t-18 ta' Awissu 1800, dan il-Kungress iltaqa' ħamsa u tletin darba. Fost id-dmirijiet tad-deputati eletti f'dan il-kungress dawn riedu jaraw li l-pubbliku jkun infurmat sewwa bid-deliberazzjonijiet kollha tal-Kungress u l-avviżi kellhom jitwaħħlu f'post li jarahom kulħadd. Kellhom ukoll l-inkarigu li jaraw li l-ordnijiet ikunu esegwiti u obduti. Dawn riedu jieħdu ħsieb li jsir il-ġbir tat-taxxi u li l-battaljuni jkunu mantenuti bin-neċessitajiet kollha. Dawn kienu wkoll jieħdu ħsieb il-kontroll fuq l-użin u l-bejgħ. Kienu wkoll jiġbru kwalunkwe karti stampati sabiex bihom isiru l-iskrataċ għall-ixkubetti tal-battaljuni ta' l-irħula. Iż-żamma ta' l-ordni kienet ukoll f'idejn dawn ir-rappreżentanti ta' l-irħula u għalhekk kienu nħatru grupp ta' nies onesti msejħa *'Gente d'Armi Volontari'*. Dawn ir-rappreżentanti kienu ngħataw ordni fit-3 ta' Ġunju 1800 sabiex jinżamm reġistru li fuqu jitniżżlu n-nies kollha tar-raħal jew belt bl-indirizz ta' fejn joqogħdu u jkunu mmarkati n-nies li jiġu joqogħdu minn barra r-raħal. Dan għaliex kienu ħafna dawk in-nies li minħabba l-ġuħ kienu jaħarbu 'l bogħod mis-swar u jfittxu kenn fil-kampanja. F'dan iż-żmien kienet faqqgħet epidemija minħabba l-ġuħ u l-għaks li kien hawn u minħabba din ir-raġuni n-numru ta' suldati kien naqas sew. Wara li Alexander Ball kien ġibed l-attenzjoni ta' l-Ammiral Nelson dwar din il-problema, fil-15 ta' April 1799 kienet ingħatat ordni sabiex kull pajjiż kellu jipprovdi għadd ta' suldati sabiex jiġu mgħammrin l-kampijiet. Mir-raħal tal-Qrendi kienu ntagħżlu 52 suldat u dan kien ammont konsiderevoli meta wieħed jikkonsidra li mill-irħula ta' madwarna l-ammont kien ferm inqas. Fil-fatt l-ammont miż-Żurrieq kien 32, minn Ħal Kirkop 18 u minn Ħal Luqa 37 suldat. Jingħad li kien hemm xi diżgwid bejn ir-rappreżentant tal-Qrendi Dr Gregorio Mifsud u l-Kappillan Dun Bert Caraffa li kien rappreżentant ta' l-Imqabba fuq xi eżekuzzjoni ta' xi deċiżjonijiet tal-Kumitat. L-aħħar seduta ta' dan il-Kungress, fuq suġġeriment ta' Alexander Ball saret fit-18 ta' Awissu 1800. F'dan iż-żmien kulħadd kien qed jistenna l-kapitulazzjoni ta' Vaubois għaliex ir-riservi tal-qmugħ wara s-swar kien naqas sew. Fil-fatt fit-2 ta' Settembru l-Franċiżi kienu ċedew u nhar il-Ħadd 15 ta' Settembru 1800 saret Quddiesa solenni u kantata bit-*Te Deum* f'San Ġwann[8]. Dan l-aħħar il-Kunsill Lokali ddeċieda li jsemmi triq għal Dr Gregorio Mifsud u ta' min jgħid li l-familja tiegħu baqgħet magħrufa bħala Tat-Tabibu. Fl-irħula tal-Qrendi u s-Siġġiewi b'mod speċjali għad hawn ħafna familji li huma dixxendenti ta' dan it-tabib kuraġġjuż u kapaċi u li inċidentalment jiġi r-raba' bużnannu tiegħi.

Deputati

Mahturin biex jirrappresentau il poplu malti

*Fil Congress irrriformat min Ball.*

18 frar 1799

Il Captan Sir Alexander J. Ball R.N. President.

Il General Don. Fran. Sav. Caruana, Rappresentant tal Cleru.

Il General Ajutant Eman. Vitali: ta' l-Imdina, ir-Rabat u Ħad Dingli.

In-Nutar Pietro Buttigieg: ta' Ħaż-Żebbuġ.

Il Cappellan Don Salvatore Corso: tas-Siġġiewi.

Il Cappellan Don Bartolomeo Garaffa: ta' l-Imkabba.

Is-Sinjur Gregorio Mifsud: tal Krendi.

Don Fortunato Dalli: taż-Żurriek.

L'Abbati Giuseppe Abdilla: ta' Ħal Safi.

Is-Sinjur Enrico Xerri: ta Ħal Chircop.

Is-Sinjur Filippo Castagna: tal Gudia.

Don Pietro Mallia: ta Ħal Agħxak.

Il Capu-Mastru Michele Cachia: taż-Żeitun.

Is-Sinjur Agostino Said: ta Ħaż-Żabbar.

Is-Sinjur Giuseppe Montibello: ta Ħal Tarxien.

Is-Sinjur Giuseppe Casha: ta Ħal Luka.

Is-Sinjur Stanislau Gatt: ta Ħal Kormi.
Is-Sinjur Vincenzo Borg: ta Birkirkara.
L'Abbati Giovanni Gafà: ta Ħal Għargħur.
Il Cavalier Paolo Parisio: tan Naxxar.
Il Cappellan Don Felice Calleja: tal Mosta.
Is-Sinjur Salvatore Gafà: ta Ħal Lia.
Is-Sinjur Giuseppe Frendo: ta Ħal Balzan.
In-Nutar Saverio Zarb: ta Ħ'Attard.

**DAUNA ELEGEU:-**

Imħallef tal Congress: l-Avucat Dr Luigi Agius.
Segretarju: l'Abbati Savoye u Gio. Bat. Agius.
Deputati tas-Sanità: Gius. Gauci u Giov. Azopardi.

Fi żmien il-Gvernatur Maitland u sa 24 sena wara, l-irħula kollha kellhom Kmandant b'salarju mill-Gvernatur bit-titolu ta' *Luogotenente di Governo* u li fil-kampanja kien jissejjaħ *Kutnent*. Fil-lista tar-Rappreżentanti tad-Deputati u tal-Logotenent ta' l-Ibliet u tal-Kampanja fl-1802 nsibu lil Fran. Zammit bħala Kap tal-Qrendi[9]. L-ewwel darba li l-Qrendi kien jifforma parti minn distrett kien fl-1840 fi żmien il-Gvernatur Bouverie. Mal-Qrendi kien hemm iż-Żurrieq, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Kirkop. Dawn kienu jiffurmaw is-sitt distrett. F'kull distrett kien hemm Sindku u dan kien sar fuq suġġeriment tal-Kummissarju Austin u Lewis. Fid-19 ta' Marzu 1888 kien hemm bidla fid-distretti u fil-fatt insibu l-Qrendi fid-9 distrett maż-Żejtun, Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, il-Gudja, Ħal Kirkop, iż-Żurrieq u Ħal Safi.

Mill-bosta flaġelli u mard li jissemmew fl-istorja ta' Malta, insibu li l-Qrendi kien ħelisha ħafif flimkien ma' l-Isla, Ħal Għargħur, Ħal Balzan, Ħal Kirkop, Ħal Safi u Ħal Għaxaq fil-pesta ta' l-1813 li fiha kienu mietu 4572 ruħ f'Malta u 96 ruħ f'Għawdex[10]. Hekk insibu li fl-1819 beda x-xogħol biex issir statwa ta' Santu Rokku mill-wisq magħruf Mariano Gerada li kien skultur ta' fama li għex bejn l-1770 u l-1823. Mariano Gerada kien tgħallem f'Valenzja u kien l-iskultur tar-Re ta' Spanja. Din l-istatwa tlestiet fl-1822, jiġifieri sena qabel ma miet Mariano. Hija ħasra li din l-istatwa mhix wisq kultivata għaliex bħalma għidna, din għandha rabta qawwija ma' l-istorja ta' raħalna. Fl-1837 kien hawn il-kolera u din faqqgħet fil-Qrendi fis-16 ta' Lulju. Kien każ iżolat u li kien fatali. Kienu nqerdu 4252 minn 8785 każ li kienu rappurtati madwar Malta kollha.

Il-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Santa Marija kienet tlestiet fl-1712 bl-Arkitett tagħha jkun Lorenzo Gafà. Din il-Knisja hija twila 113-il pied mill-fond tal-Kor sal-Bieb il-Maġġur, 76 pied minn faċċata għal oħra tal-Kappelluni u 22 pied minn pilastru għall-ieħor tan-navata Maġġura. Il-Qanpiena l-maġġura tal-Knisja tal-Qrendi sas-seklu 19 kienet meqjusa bħala l-31 waħda fil-kobor minn dawk kollha li nsibu f'Malta[11]. Fil-fatt din il-qanpiena tiżen 18-il qantar u kienet swiet £140 fl-1788 u nhadmet minn Gioac. Trigance (1726-1796). Dan l-artiġġjan ta' fama flimkien ma' missieru (1660-1737) kienu l-fondituri ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Fost it-teżori ta' l-arti li nsibu fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, fil-Kappellun tar-Rużarju hemm kwadru tal-Kurċifiss li hu xogħol ta' Suor Maria De Dominicis li kienet Karmelitana u li għexet bejn l-1650 u l-1690. Hija studjat l-iskultura u l-pittura f'Ruma taħt Bernini, Carlo Maratti u l-Kalabriż Mattia Preti. Sintendi ma nistgħux ma nsemmux l-opra ewlenija, l-Istatwa artistika ta' Santa Marija, xogħol ta' Mastr'Antonio Chircop, skultur mill-Isla. Din inħadmet fl-1840. Huwa għex bejn l-1801 u l-1869. Xogħlijiet oħra ta' dan l-iskultur huma l-vara tat-Trinità fl-Isla, il-Madonna tar-Rużarju fil-Gudja u oħra f'Ħaż-Żabbar, diversi puleni u appostli. Carlo Darmanin magħruf bħala Carlozzu mill-Isla ħadem l-istatwa ta' Lourdes u taċ-Ċintura. Il-pittur Giuseppe D'Arena li għex madwar l-1630 u li kien alliev ta' Guercino ħadem il-Patri Etern f'din l-istess Knisja. Il-wisq magħruf Stefano Erardi li kien aktarx Żebbuġi u li studja f'Ruma pitter il-kwadru ta' San Stiefnu. Dan il-pittur kien jgħix madwar l-1630 ukoll. It-Titular l-antik ta' l-Assunta ġie mpitter minn Rokku Buhagiar, pittur Bormliż li għex bejn l-1725 u l-1805. Il-Kor u l-koppla tal-Knisja tal-Qrendi kienu ġew impittra minnGiuseppe Calleja, pittur Belti li twieled fl-1831 u tgħallem taħt G. Hyzler. Dan ix-xogħol illum ġie mibdul meta reġa' ġie ddekorat dan it-tempju fi żmien il-Kappillan Dun Karm Attard. Huwa kien ħadem ukoll il-pittura ta' San Pietru u San Pawl (dawn ġew mgħottija b'pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi), il-Fidi u kwadru tal-Madonna ta' Lourdes.

Għalkemm raħal żgħir fil-periferija, il-Qrendi joffri storja u kultura f'nisġa ma' kampanja mhux mittiefsa, b'karatteristika Maltija fil-milja tagħha. Iċ-ċiviltà li sawret dan il-wirt tant għażiż matul iż-żminijiet għarfet sa mill-bidu s-sbuħija ta' dawn l-inħawi u għażlet din ix-xaqliba għal diversi raġunijiet validi. Fil-fehma tiegħi dan il-wirt kbir qed ipoġġi piż fuq il-kuxjenza tagħna sabiex nieħdu ħsiebu, filwaqt li nkomplu niskopruh, napprezzawh u ngħadduh lil ta' warajna sabiex jibqa' mfakkar u ~~qatt~~ minsi.

*Ħajr: Innocent Centorrino*

**Referenzi:**


[1] Lis Storia Ta Malta - P.P. Castagna, I. CAP, P.12
[2] Ibid., VIII. CAP, P.351
[3] Lis Storia Ta Malta - P.P. Castagna, II. CAP, P.199
[4] Ibid., VI. CAP. P.303
[5] Ibid., 3 parti, P.27
[6] Minn kitba ta' Mario Zammit
[7] Lis Storia Ta Malta - P.P. Castagna, 3 parti, P.57
[8] L-Imqabba mal-medda taż-żmien - Editur: Charles Farrugia; 8. Kitba - Joseph Abdilla
[9] Ibid., 3 parti, P.88
[10] Lis Storia Ta Malta - P.P. Castagna, VII. CAP, P.311
[11] Lis Storia Ta Malta - P.P. Castagna, Parti, P.171